

Brussell, 13 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6296/19

**PUBLIC 4**  
**INF 20**

**NOTA**

---

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - OTTUBRU  
2018

---

Dan id-dokument jelenka l-atti<sup>1</sup> adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2018<sup>2,3</sup>

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

<sup>2</sup> Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

<sup>3</sup> Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'OTTUBRU 2018**

**It-3639 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fil-Lussemburgu fit-2 ta' Ottubru 2018**

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<p><i>Regolament dwar il-kontrolli fuq flus kontanti</i>                      Ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005                      ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6-21</p>	49/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

Skont l-Artikolu 53(1) tal-abbozz ta' DIRETTIVA (UE) 2018/... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta'... li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (AMLD 5), l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jiskambjaw, minn jeddom jew fuq talba, kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-ipproċessar jew għall-analiżi ta' informazzjoni mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja relatata mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu. Id-deċiżjoni dwar jekk l-informazzjoni hijiex rilevanti jew le biex tiġi skambjata tibqa' f'idejn l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, inkluż għal data li għandha tkun riċevuta skont ir-Regolament propost dwar kontrolli ta' flus kontanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li, fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tar-Regolament propost ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus li għad trid toħroġ, jew li joħlqu obbligu mandatorju għal skambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja għall-finijiet tar-Regolament propost.

Skont l-Artikolu 65(2) tal-abbozz ta' DIRETTIVA (UE) 2018/... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta'... li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (AMLD 5), il-Kummissjoni trid tivvaluta l-qafas għall-kooperazzjoni tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ma' pajjiżi terzi u l-ostakoli u l-opportunitajiet għat-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fl-Unjoni, inkluż il-possibiltà li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll jekk hemmx il-ħtieġa li l-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tiġi msaħħa aktar.

### Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Fil-fehma tal-Ġermanja, il-perijodu ta' żamma uniformi ta' ħames snin previst fl-Artikolu 13(4) jidher problematiku, ukoll għaliex tista' tinġabar data dwar individwi li ma kisru l-ebda regola u li huma stess ma taw l-ebda raġuni għaliex għandha tinħażen id-data tagħhom. Għaldaqstant kien ikun preferibbli li l-Artikolu 13(4) jagħmel differenza bejn perijodi ta' żamma għal individwi suspetti u dawk mhux suspetti. Madankollu, il-Ġermanja tilqa' l-kompromess li ntlaħaq matul in-negozjati fejn l-estensjoni ta' darba permissibbli tal-perijodu ta' żamma hija limitata għal tliet snin skont l-Artikolu 13(5).

*Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT*  
Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1541 tat-2 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 904/2010 u (UE) 2017/2454 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud  
ĠU L 259, 16.10.2018, p. 1-11

10472/18

Maġġoranza  
kwalifikata

L-Istati Membri kollha  
favur

### Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

F'sistema tal-VAT ibbażata fuq il-prinċipju tat-tassazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi fejn l-Istati Membri jiġbru l-VAT f'isem oħrajn b'mod partikolari f'attivitajiet ta' kummerċ elettroniku, biex jiġġieldu kontra l-evażjoni u l-frodi tal-VAT, huwa kruċjali li l-Istati Membri jadattaw il-leġislazzjoni tagħhom sabiex il-preżenza u l-parteċipazzjoni ta' uffiċjali mill-Istati Membri ta' tassazzjoni matul l-inkjести amministrattivi jkunu possibbli u effettivi. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-effikaċja tal-miżura u se tirrapporta lill-Kunsill.

## Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

B'referenza għall-ħames premessa:

"Jenħtieġ li tali aċċess ikun disponibbli permezz tal-applikazzjoni tas-softwer tas-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS), li trid tintuża bilfors mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI6 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI7, fir-rigward tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi."

Nifhmu li r-referenzi għall-EUCARIS u għaż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill ifissru li kull Stat Membru jwettaq u jamministra l-irkupru awtomatizzat tad-data minn reġistri nazzjonali tal-vetturi għal uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc permezz ta' punt ta' kuntatt nazzjonali.

B'referenza għall-Artikolu 21a(2):

'L-aċċess għall-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1, għandu jingħata skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi tal-VAT jew biex jiġi individwat frodi tal-VAT;
- ii) l-aċċess jingħata permezz ta' uffiċjal ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), li jkollu identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess għal din l-informazzjoni.'

Nifhmu li dan ifisser li l-aċċess għad-data mhuwiex mogħti għall-fini ta' prosekuzzjoni rigward ksur tal-liġi dwar il-parkeġġ, u li l-Istat Membri rikjedenti jrid jiżgura li d-data ma tintużax għall-fini ta' prosekuzzjoni rigward ksur tal-liġi dwar il-parkeġġ. Skont il-fehma tagħna, il-limitazzjoni tal-iskop fl-Artikolu 21a(2) ("Frodi tal-VAT") tipprevali fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 55 aktar ġenerali dwar l-użu f'dan ir-rigward.

### ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga fuq il-VAT għal-Latvja fir-rigward ta' metalli ferrużi jew mhux ferrużi nofshom lesti</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1492 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lil-Latvja tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 252, 8.10.2018, p. 42-43	11373/18

<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga lill-Ungerija fir-rigward tal-limitu tal-fatturat għall-eżenzjoni mill-VAT</i>  Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud  ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38-39</p>	10892/18
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga fuq il-VAT għall-Ungerija fir-rigward tal-użu ta' vetturi għall-passiġġieri għal finijiet mhux kummerċjali</i>  Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1493 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud  ĠU L 252, 8.10.2018, p. 44-46</p>	11895/18
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga fuq il-VAT għall-Awstrija fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi użati għal finijiet mhux kummerċjali jew attivitajiet mhux ekonomiċi</i>  Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (EU) 2018/1487 tat-2 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1013/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud  ĠU L 251, 5.10.2018, p. 33-34</p>	12032/18
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga għal Spanja rigward id-dazju tas-sisa fuq l-elettriku għal bastimenti rmiġġati f'port</i>  Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1491 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lil Spanja tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE  ĠU L 252, 8.10.2018, p. 40-41</p>	11795/18

<p><i>Konklużjonijiet dwar ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar l-Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE lit-Turkija</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2018 mill-Qorti tal-Awdituri: "Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE lit-Turkija: Ir-riżultati li nkisbu sa issa għadhom limitati"</p>	12862/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet doganali</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport u fil-Kumitat tat-Trasport Intern tal-UNECE dwar l-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għall-passiġġieri, għall-bagalji u għall-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija</p>	11892/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt UE-CTC dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija u dwar proċedura komuni ta' tranżitu</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija u fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu, fir-rigward ta' stedina lir-Renju Unit biex jaderixxi ma' dawk il-Konvenzjonijiet</p>	12139/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt UE-CTC dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-emendi għall-Konvenzjoni</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-proposti għal emendi għal dik il-Konvenzjoni</p>	12141/18

**It-3640 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ambjent) li saret fil-Lussemburgu fid-9 ta' Ottubru 2018**

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<p><i>Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 110/2008 rigward il-kwantitajiet nominali tax-shochu</i>                      Regolament (UE) 2018/1670 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 110/2008 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantitajiet nominali għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni tal-ispirtu ddistillat darba biss imsejjaħ "shochu", li jsir fil-Ġappun b'lampik tat-tip "pot still" u li jiġi bbottiljat f'dan il-pajjiż                      ĠU L 284, 12.11.2018, p. 1-2</p>	56/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<p><i>Deċiżjoni dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-UE għall-Brażil u r-Repubblika tal-Moldova</i>                      Deċiżjoni (UE) 2018/1674 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-Repubblika Federattiva tal-Brażil għal uċuħ tar-raba' li jipproduċu żerriegħa tal-pjanti tal-għalf u għal uċuħ tar-raba' li jipproduċu żerriegħa taċ-ċereali u fir-rigward tal-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-pjanti tal-għalf u ż-żerriegħa taċ-ċereali prodotti fir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, kif ukoll fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-Repubblika tal-Moldova għal uċuħ tar-raba' li jipproduċu żerriegħa taċ-ċereali, uċuħ tar-raba' li jipproduċu żerriegħa tal-ħxejjex u uċuħ tar-raba' li jipproduċu żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra, u fir-rigward tal-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali, taż-żerriegħa tal-ħxejjex u taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fir-Repubblika tal-Moldova                      ĠU L 284, 12.11.2018, p. 31-35</p>	32/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur



<p><i>Regolament li jadatta l-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali (SRSP 2.0)</i>  Regolament (UE) 2018/1671 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/825 biex jiżjed il-pakkett finanzjarju tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali u li jadatta l-oġġettiv ġenerali tiegħu  ĠU L 284, 12.11.2018, p. 3-5</p>	58/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<p><b>Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni</b></p> <p>Rigward il-finanzjament taż-żieda tal-pakkett finanzjarju għall-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi Strutturali u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu kif ġej:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. EUR 40 miljun ser ikunu ffinanzjati permezz tal-linja baġitarja SRSP li tinsab fl-Intestatura 1b (13.08.01) tal-QFP (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) bil-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-impenji f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament QFP (UE, Euratom) Nru 1311/2013 fil-qafas tal-proċedura baġitarja skont l-Artikolu 314 TFUE;</li> <li>2. EUR 40 miljun ser ikunu ffinanzjati permezz tal-linja baġitarja SRSP li tinsab fl-Intestatura 2 (13.08.02) tal-QFP (Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali) permezz ta' riallokazzjonijiet għajr assistenza teknika u Żvilupp Rurali taħt din l-Intestatura u mingħajr rikors għall-marġini. Is-sorsi preċiżi għal tali riallokazzjonijiet se jrin jiġu speċifikati aktar meta jkun il-waqt fid-dawl tan-negozjati tal-proċedura baġitarja għall-baġit 2019.</li> </ol>			
<p><b>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni</b></p> <p>Il-Kummissjoni ser tidentifika u tipproponi riallokazzjonijiet ta' EUR 40 miljun fl-Intestatura 2 tal-QFP (Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali) fl-ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit ġenerali 2019.</p> <p>Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament QFP (UE, Euratom) Nru 1311/2013 fil-qafas tal-proċedura baġitarja għall-2020 skont l-Artikolu 314 TFUE.</p>			

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<p><i>Konklużjonijiet dwar il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IPR) għas-snin 2018 sal-2022</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Ksur tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (IPR) għas-Snin 2018 sal-2022</p>	12002/18
<p><i>Konklużjonijiet dwar Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE (CoA SR Nru 9/2018)</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati"</p>	12945/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tal-Banco de España</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1518 tad-9 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de España ĠU L 256, 12.10.2018, p. 63-64</p>	12208/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar l-adeżjoni tal-Awstralja għall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1536 tad-9 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern dwar l-adeżjoni tal-Awstralja għall-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwisti Pubbliċi ĠU L 257, 15.10.2018, p. 26-28</p>	11928/18
<p><i>Konklużjonijiet dwar it-tnejniet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (Katowice, il-Polonja, 2-14 ta' Diċembru 2018)</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tnejniet għal-laqgħat tal-UNFCCC f'Katowice (mit-2 sal-14 ta' Diċembru 2018)</p>	12901/18

<p><i>Konklużjonijiet dwar il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)</i>  <i>(Sharm El- Sheikh, l-Eġittu, 17-29 ta' Novembru 2018)</i>  Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Thejjiġa tal-Erbatax-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-KDB</li> <li>• Thejjiġa tad-Disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza (COP-MOP 9)</li> <li>• Thejjiġa tat-Tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (COP- MOP 3)</li> </ul> <p>(Sharm El- Sheikh, l-Eġittu, 17-29 ta' Novembru 2018)</p>		12948/18	
<b>It-3641 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2018</b>			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<p><i>Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE</i>  Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE.  ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98</p>	31/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

### **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tesprimi d-dispjaċir tagħha dwar l-esklużjoni tal-missjonijiet imsemmija fl-Artikoli 42(1), 43 u 44 TUE mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u tinnota li, b'riżultat ta' dan, mhux ser ikun hemm regoli dwar il-protezzjoni tad-data għal missjonijiet bħal dawn. Il-Kummissjoni tinnota li deċiżjoni tal-Kunsill li tkun ibbażata fuq l-Artikolu 39 TUE tista' biss tistipula r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għall-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri meta dawn ikunu qed iwettqu attivitajiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Tali deċiżjoni tal-Kunsill ma tkunx tista' tinkludi regoli li japplikaw għal attivitajiet imwettqa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE. Sabiex tirrimedja l-lakuna legali, deċiżjoni possibbli tal-Kunsill għaldaqstant tkun trid tiġi akkumpanjata minn strument addizzjonali u komplementari, ibbażat fuq l-Artikolu 16 TFUE.

Il-Kummissjoni tinnota li l-paragrafu 3 tal-Artikolu 9 (dak li qabel kien l-Artikolu 70a tal-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill) ma joħloqx obbligu ġdid għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-bilanċ li għandu jinstab bejn il-protezzjoni ta' data personali u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

### **Dikjarazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja**

Ir-Repubblika tas-Slovenja tappoġġa l-kompromess "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE", peress li ser jaġġorna regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u ser jallinja l-protezzjoni tad-data għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea mar-riforma tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni Ewropea tal-2016.

Madankollu, ir-Repubblika tas-Slovenja tixtieq tenfasizza mill-ġdid l-opinjoni tagħha li l-kunċett innifsu tal-introduzzjoni ta' derogi għall-protezzjoni tad-data minn regoli interni jmur kontra l-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari l-prinċipji tal-legalità, is-sigurtà legali, il-proporzjonalità u l-leġittimità demokratika (trasparenza).

<p><i>Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus</i>  Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22-30</p>	30/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: DE Astensjoni: SI Mhux qed jipparteċipa: DK, IE, UK
<p><b>Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja u s-Slovenja</b></p> <p>Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tas-Slovenja jappoġġaw l-għan tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva) biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali.</p> <p>Madankollu, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tas-Slovenja jixtiequ jenfasizzaw it-tfassib tagħhom rigward l-Artikolu 3(3)(c) u (4) tad-Direttiva. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkriminalizzaw il-ħasil ta' flus li jinvolvi proprjetà derivat mill-imġiba li tkun seħħet taħt ġurisdizzjoni oħra, anke jekk tali imġiba ma tkunx reat kriminali f'dik il-ġurisdizzjoni. Din id-dispożizzjoni hija applikabbli għal imġiba skont il-punt (a) sa (e) u (h) tal-punt 1 tal-Artikolu 2 li l-Istati Membri għandhom jikkriminalizzaw skont id-dritt tal-UE. Madankollu, peress li pajjiżi terzi mhumiex marbuta bid-dritt tal-UE u jista' jkun li ma kkriminalizzawx tali mġiba, id-dispożizzjoni tista' tirriżulta fil-kriminalizzazzjoni ta' transazzjonijiet marbuta ma' proprjetà miksuba legalment f'pajjiż terz u dan iqajjem tħassib serju.</p> <p>Fl-opinjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tas-Slovenja, f'dawn il-każijiet, il-kriminalità doppja, jiġifieri r-rekwiżit li l-imġiba predikata tiġi kriminalizzata kemm fil-ġurisdizzjoni fejn seħħet u (kieku seħħet hemmhekk) fil-ġurisdizzjoni fejn jitwettaq il-ħasil tal-flus, hija meħtieġa għall-proporzjonalità tar-reat kriminali u l-piena skont il-prinċipji fundamentali li jikkostitwixxu tradizzjoni kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri u l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.</p>			

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Spanja, politika dwar il-viżi</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	13003/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Spanja, SIS</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	13004/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Norveġja, SIS</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	13005/18
<i>Deċiżjonijiet ta' Prüm: Konklużjonijiet dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA fir-Renju Unit</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tar-Renju Unit rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA	13079/18
<i>Regolament eu-LISA: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' arranġament komplementari ma' Stati Assoċjati ta' Schengen</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1549 tal-11 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ĠU L 260, 17.10.2018, p. 1-2	12042/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-UE u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1528 tal-11 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali</p> <p>ĠU L 257, 15.10.2018, p. 1-2</p>		10860/18	
<b>It-3642 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2018</b>			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit għall-2019	12593/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
<p><i>Regolament li jiffissa ċerti għajnuniet u rifiżjonijiet rigward il-limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzati ta' trab tal-ħalib xkumat</i></p> <p>Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1554 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzati ta' trab tal-ħalib xkumat</p> <p>ĠU L 261, 18.10.2018, p. 1-2</p>	12219/18		
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti 9, 63 u 92 tal-UNECE</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1572 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar l-applikazzjoni mill-Unjoni tar-Regolamenti Nri 9, 63 u 92 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bi tliet roti, mopeds u sistemi tas-sajlensers tal-egżost ta' sostituzzjoni għal vetturi tal-kategorija L fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħsejjes</p> <p>ĠU L 262, 19.10.2018, p. 55-56</p>	11900/18		

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-UE u n-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/116 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi</p> <p>ĠU L 24, 28.1.2019, p. 1-2</p>	5883/17
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-UE u n-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini</i></p> <p>Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi</p> <p>ĠU L 24, 28.1.2019, p. 3-11</p>	5814/17
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/131 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi</p> <p>ĠU L 25, 29.1.2019, p. 1-2</p>	5882/17
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini</i></p> <p>Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi</p> <p>ĠU L 25, 29.1.2019, p. 3-11</p>	5803/17



<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI (it-73 sessjoni) u fil-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (il-100 sessjoni) rigward il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-ispezzjonijiet</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1601 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali waqt it-73 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u l-mitt sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, rigward l-adozzjoni ta' emendi għar-regolament 14 tal-Anness VI għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri u għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet Waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 ĠU L 267, 25.10.2018, p. 6-7</p>	12495/18
<p><i>Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara (EGF/2018/002 PT/Norte-Centro-Lisboa għall-ilbies)</i></p> <p>Deċiżjoni (UE) 2018/1720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni ppreżentata mill-Portugall — EGF/2018/002 PT/Norte — Centro — Lisboa għall-ilbies ĠU L 291, 16.11.2018, p. 8-9</p>	12511/18
<p><i>Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal-Latvja</i></p> <p>Deċiżjoni (UE) 2018/1859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata assistenza lil-Latvja ĠU L 3021, 28.11.2018, p. 1-2</p>	12515/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika ta' Singapore</i></p> <p>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1676 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra ĠU L 279, 9.11.2018, p. 1-2</p>	7977/18

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tfakkar li hija ma pproponietx u ma għandhiex intenzjoni tipproponi l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim. Il-Kummissjoni tifhem li, f'konformità mal-prattika stabbilita sew, il-Kunsill ser joqgħod lura milli japprova l-konklużjoni tal-ftehim qabel ma l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha fl-Opinjoni 1/17. Jekk ikun meħtieġ fid-dawl ta' dik l-Opinjoni, il-Kummissjoni ser tagħmel il-proposti xierqa qabel ma l-Kunsill japprova l-konklużjoni tal-ftehim.

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-  
Repubblika ta' Singapore*  
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1599 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni  
Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore  
ĠU L 267, 25.10.2018, p. 1-2

7970/18

## **Dikjarazzjoni mill-Greċja**

### **rigward il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

Il-Greċja tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-importanza tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) bejn l-UE u Singapore u l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti, bħala passi importanti lejn l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment bejn l-UE u l-ASEAN.

Il-Greċja tfakkar li l-istess FTA ma joffrix protezzjoni diretta lill-IĠ tal-UE u li Singapore trid tiskatta l-proċeduri uffiċjali ta' oppożizzjoni għall-196 IĠ tal-UE, li huma inklużi fl-Anness għall-kapitolu tal-Proprietà Intellettwali, sabiex tikkonferma l-lista finali. Il-Greċja tinnota li eżitu sodisfaċenti għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f'Singapore qabel il-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim huwa prerekwiżit għal Ftehim ta' benefiċċju reċiproku. B'mod partikolari fir-rigward tad-DOP "Feta", il-Greċja tqis bħala meħtieġ li tingħata protezzjoni sħiħa bħal fil-każ tal-IĠ tal-UE l-oħra ta' importanza ekonomika kbira.

Il-Greċja tenfasizza li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-iżvilupp reġjonali u l-impjiegi. Il-Greċja tfakkar ukoll l-impenn tal-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-Ftehimiet CETA u SADC b'mod partikolari: a) li tikseb l-aħjar livell ta' protezzjoni possibbli tal-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati kollha tal-UE, inkluż id-DOP "Feta", fin-negozjati li għaddejjin jew daww futuri għal Ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, u b) li tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-protezzjoni tad-DOP "Feta" mhux biss fl-UE iżda wkoll fis-swieq ta' pajjiżi terzi, fir-rigward tal-prattiki inġusti possibbli kollha li jwasslu għall-misinformazzjoni tal-konsumatur. Barra minn hekk, il-Greċja tilqa' l-assigurazzjonijiet tal-Kummissarju Malmström li jinsabu fl-ittra tagħha tal-1 ta' Ġunju 2018, li l-Kummissarju tibqa' fiduċjuża li d-DOP "FETA", bħall-IĠ l-oħra kollha tal-UE ta' valur għoli, ser jiġu protetti f'Singapore skont it-termini ta' protezzjoni stabbiliti fl-FTA.

B'kont meħud ta' dan, il-Greċja tagħti l-approvazzjoni tagħha fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-UE, tal-FTA bejn l-UE u r-Repubblika ta' Singapore u tiddikjara li tistenna li d-DOP "FETA" tiġi rreġistrata bħala indikazzjoni ġeografika bi drittijiet esklużivi f'Singapore. Il-Greċja tirriżerva l-pożizzjoni tagħha rigward l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-FTA bejn l-UE u Singapore li ser tkun kondizzjonali fuq l-eżitu fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tad-DOP "Feta" fis-Suq ta' Singapore.

## **Dikjarazzjoni mill-Italja**

### **rigward il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi**

L-Italja tagħraf l-importanza tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u Singapore fil-qafas tar-relazzjonijiet strateġiċi, kummerċjali u ta' investiment, bejn l-Unjoni Ewropea u l-ASEAN. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles huma strument importanti biex jiġi żgurat aċċess reċiproku u ta' benefiċċju komuni għas-suq, tittejjeb il-governanza globali f'oqsma bħalma huma l-kondizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà alimentari, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-ambjent. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles jirrappreżentaw ukoll strument legali essenzjali għall-protezzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li tinkludi ftehimiet multilaterali (il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra) kif ukoll bilaterali.

F'dan ir-rigward, fil-fehma tal-Italja, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u Singapore huwa ta' importanza fundamentali għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kemm bħala dritt ta' proprjetà intellettwali kif ukoll bħala parti mill-wirt kulturali tal-Italja u tal-UE.

F'dan ir-rigward, l-Italja tixtieq tfakkar li l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore ma joffri ebda protezzjoni diretta lill-196 indikazzjoni ġeografika Ewropea inklużi fl-Anness għall-kapitolu dwar il-proprjetà intellettwali u li biex jitqiesu bħala protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE ser ikollhom jiġu eżaminati u jgħaddu minn proċedura ta' oppożizzjoni waqt il-proċedura ta' reġistrazzjoni f'Singapore. Din il-proċedura ta' reġistrazzjoni ser tkun tista' tiġi applikata biss ladarba tkun ġiet adottata l-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u ladarba jkun ġie stabbilit ir-reġistru ta' Singapore għall-indikazzjonijiet ġeografiċi, wara li l-Parlament Ewropew ikun ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kummerċ ħieles. Huwa biss fi tmiem din il-proċedura li l-awtoritajiet ta' Singapore ser ikunu jistgħu jikkonfermaw il-lista finali, mingħajr ebda ċertezza rigward ir-reġistrazzjoni jew iċ-ċaħda ta' kull IĠ elenkata.

L-Italja tixtieq tfakkar li l-awtoritajiet ta' Singapore impenjaw ruħhom li jiżguraw ir-rapidità tal-proċedura amministrattiva u li jivverifikaw in-natura ġenerika meta din tintuża għall-oppożizzjoni. filwaqt li hađu wkoll impenji oħra biex iserrħu ras il-kontroparti Ewropea. Wara konsultazzjoni pubblika informali min-naħa ta' Singapore, diġà ġiet ikkomunikata lista ta' ismijiet li x'aktarx ser ikun hemm oppożizzjoni għalihom, inkluż il-Fontina DOP.

F'dan il-kuntest, l-Italja tissottolinja li eżitu sodisfaċenti għall-protezzjoni effikaċi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha tal-UE f'Singapore qabel il-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim huwa prerekwiżit għal ftehim li jkun ta' vantaġġ għal kulħadd.

L-Italja għaldaqstant tistieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem bla heda mal-awtoritajiet ta' Singapore biex jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha tal-UE jiġu protetti skont il-klawżoli ta' protezzjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles.

B'kont meħud ta' dan t'hawn fuq, l-Italja tagħti l-kunsens tagħha għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-UE, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika ta' Singapore u ttenni li hi tistenna li l-IĠ kollha jiġu rreġistrati f'Singapore bħala indikazzjonijiet bi drittijiet esklużivi, mingħajr ebda eċċezzjoni jew limitazzjoni (inklużi l-annessi tan-noti), biex b'hekk jiġu ssalvagwardjati kemm il-produtturi leġittimi tal-IĠ kif ukoll il-konsumaturi.

L-Italja tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika ta' Singapore; din il-pożizzjoni ser tiddependi fuq jekk l-IĠs Taljani fil-lista jiġux irreġistrati b'suċċess u jingħatawx protezzjoni totali fit-territorju ta' Singapore taħt il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles.

### **Dikjarazzjoni unilaterali mill-Irlanda**

Jekk l-implimentazzjoni tal-Ftehim mill-Unjoni Ewropea tkun teħtieġ rikors għal miżuri skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ser jiġu rispettati kompletament.

### **It-3643 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2018**

#### ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Komprensiv dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Vjetnam fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1582 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment tas-sottokumitati u tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom</p> <p>ĠU L 263, 22.10.2018, p. 61-70</p>	11867/18

<p><i>Konklużjonijiet dwar Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja – Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE</p>	13097/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju mat-Tuneżija biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-UE</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea</p>	12292/18
<p><i>Miżuri restrittivi dwar l-armi kimiċi: Deċiżjoni u Regolament</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25-30</p>	11936/18
<p><i>Miżuri restrittivi dwar l-armi kimiċi: Deċiżjoni u Regolament</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12-21</p>	11938/18
<p><i>Azzjoni tal-UE f'Mopti u Segou - estensjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1546 tal-15 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1425 dwar azzjoni ta' stabbilizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea f'Mopti u Segou ĠU L 259, 16.10.2018, p. 34-34</p>	12333/18

<p><i>EUAM Iraq - estensjoni - Deċiżjoni</i>  Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1545 tal-15 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)  ĠU L 259, 16.10.2018, p. 31-33</p>	11990/18
<p><i>Miżuri restrittivi fuq l-ISIL (Da'esh)/Al-Qaeda: estensjoni u elenkar ġdid - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill</i>  Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1540 tas-15 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom  ĠU L 2571, 15.10.2018, p. 3-4</p>	12370/18
<p><i>Miżuri restrittivi fuq l-ISIL (Da'esh)/Al-Qaeda: estensjoni u elenkar ġdid - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill</i>  Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1539 tas-15 ta' Ottubru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom  ĠU L 2571, 15.10.2018, p. 1-2</p>	12372/18
<p><i>EUTM Somalia - emenda u estensjoni - Deċiżjoni</i>  Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1787 tad-19 ta' Novembru 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja  ĠU L 293, 20.11.2018, p. 9-10</p>	12148/18
<p><i>Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) - sekwenza - rakkommandazzjoni</i>  Rakkommandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar is-sekwenzjar tat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti meħuda fil-qafas ta' kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tispeċifika objettivi aktar preċiżi  ĠU C 374, 16.10.2018, p. 1-7</p>	11001/18

<p><i>Regolament dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020</i>  Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) N° 1314/2013  ĠU L 262, 19.10.2018, p. 1-19</p>	<p>12431/18</p>
<p><b>Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu</b></p> <p>Il-Lussemburgu jagħraf l-importanza tal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni "Orizzont 2020" u l-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq is-sikurezza nukleari li tikkontribwixxi għal orjentament ġdid tar-riċerka nukleari.</p> <p>Għaldaqstant, il-Lussemburgu jilqa' l-kompromess filwaqt li jżomm l-attitudni kritika tiegħu fir-rigward tar-riċerka nukleari. Il-Lussemburgu, madankollu, jinsisti li l-fondi Ewropej futuri għal attivitajiet ta' riċerka u taħriġ għandhom ikunu mmirati aktar lejn l-enerġiji rinnovabbli.</p> <p>Peress li l-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) ma jagħtix bidu għal orjentament ġdid bħal dan lejn l-enerġiji rinnovabbli, il-Lussemburgu ma jistax jaqbel miegħu għalkollox u għalhekk ser jastjeni mill-vot.</p>	
<p><b>Dikjarazzjoni mill-Awstrija</b></p> <p>L-Awstrija segwiet approċċ kostruttiv tul in-negozjati dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2019/20, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jitkomplew il-miżuri biex jiżiedu s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej u l-ambjent tagħhom.</p> <p>Il-kontenut tal-Approċċ Ġenerali fis-sustanza huwa identiku għall-programm fis-seħħ bħalissa (2014-2018). Għaldaqstant il-pożizzjoni Awstrijaka għandha l-istess ukoll. L-Awstrija tilqa' l-enfasi fuq l-aspetti tas-sikurezza u sigurtà tul it-test. Madanakollu, l-Awstrija xorta għadha kritika ferm fil-konfront tal-finanzjament mill-UE jew kwalunkwe qafas ta' appoġġ għal impjanti tal-enerġija nukleari. L-Awstrija għalhekk tastjeni.</p>	



<p><i>Konklużjonijiet dwar il-Bożnija-Herzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Herzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea</p>	12991/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat tal-FSE tal-Ghana dwar l-adeżjoni tal-Kroazja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1573 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 262, 19.10.2018, p. 57-59</p>	12541/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat tal-FSE tal-Kosta tal-Avorju dwar l-adeżjoni tal-Kroazja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1560 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat FSE dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 261, 18.10.2018, p. 19-22</p>	12544/18
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat tal-FSE tal-Afrika Ċentrali dwar l-adeżjoni tal-Kroazja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1561 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-EPA dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 261, 18.10.2018, p. 23-25</p>	12546/18
<p><i>RĊA - Skambju ta' fehmiet - Konklużjonijiet</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana</p>	12735/18

<b>It-3644 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ottubru 2018</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar ir-RS Nru 11/2018 tal-QEA - Finanzjament tal-Iżvilupp Rurali</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Opzjonijiet ġodda għall-finanzjament ta' proġetti tal-iżvilupp rurali: Aktar sempliċi iżda mhux iffukati fuq ir-riżultati"	12273/18
<b>Proċeduri bil-miktub li tlestew fid-19 ta' Ottubru 2018</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar fehim mal-Istati Uniti tal-Amerka rigward l-importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja minn animali li ma jkunux ġew ittrattati b'ċerti ormoni tat-tkabbir	11803/18
<b>Proċeduri bil-miktub li tlestew fil-25 ta' Ottubru 2018</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1612 tal-25 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 268, 26.10.2018, p. 49-50	12723/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1605 tal-25 ta' Ottubru 2018 li jimplementa r-Regolament (UE) 2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 268, 26.10.2018, p. 18-19	12725/18

Deċiżjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2018/1610 tal-25 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PEŠK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova ĠU L 268, 26.10.2018, p. 46-46	12639/18
Deċiżjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2018/1611 tal-25 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PEŠK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea ĠU L 268, 26.10.2018, p. 47-48	12713/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1604 tal-25 ta' Ottubru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Guinea ĠU L 268, 26.10.2018, p. 16-17	12715/18
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2018/1613 tal-25 ta' Ottubru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PEŠK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 268, 26.10.2018, p. 51-52	13290/18
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1606 tal-25 ta' Ottubru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 268, 26.10.2018, p. 20-21	13292/18

<b>Proċeduri bil-miktub li tlestew fit-30 ta' Ottubru 2018</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra ĠU L 272, 31.10.2018, p. 1-10	13230/18
<p><b>Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ġermanja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja, l-Estonja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Kummissjoni dwar is-sajd għas-salamun</b></p> <p>Il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja, l-Estonja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Kummissjoni ser jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li r-rappurtar żbaljat tal-qabdiet tas-salamun u kwalunkwe sajd illegali għas-salamun jiġi eliminat mill-bidu tal-2019.</p>	
<p><b>Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Ġermanja dwar l-opzjoni ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)</b></p> <p>1. Il-punt (b) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.</p> <p>2. Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-bakkaljaw u l-aringa fis-Subdiviżjonijiet 22-24, il-Ġermanja għaldaqstant tqis li huwa neċessarju li tadotta miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza jikkonsistu minn limitazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd fis-Suddiviżjonijiet 22-24 għal 20 jum għal bastimenti tas-sajd Ġermaniżi li jistadu għall-bakkaljaw u għal 30 jum għall-bastimenti li jistadu għall-aringa.</p> <p>3. Il-Ġermanja u l-Kummissjoni jqisu li l-miżuri ta' emerġenza skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003 huma eliġibbli għal finanzjament mill-FEMS.</p>	

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u l-Litwanja dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)**

1. Il-punt (b) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.
2. Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar l-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni attwali fis-seħħ għall-bakkaljaw Baltiku, b'mod partikolari għall-bakkaljaw Baltiku tal-Lvant, il-Litwanja tqis li huwa neċessarju li tadotta miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza jikkonsistu mill-għeluq tal-attivitajiet tas-sajd fis-Suddiviżjonijiet 25-32 għal xahrejn oħra f'Ġunju u Awwissu 2019 għall-bastimenti tas-sajd Litwani li jistadu għall-bakkaljaw.
3. Il-Litwanja u l-Kummissjoni jqisu li din il-miżura ta' emerġenza hija eliġibbli għal finanzjament mill-FEMS skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003.

**Proċeduri bil-miktub li tlestew fil-31 ta' Ottubru 2018**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1651 tal-31 ta' Ottubru 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2018 ĠU L 275, 6.11.2018, p. 14-16	12951/18

### **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit għadu qed jistenna risposta għat-tfassib imqajjem fil-livell politiku f'Awwissu, inkluż permezz tal-ittra tas-Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp Internazzjonali lill-Kummissjoni tat-23 ta' Awwissu 2018, dwar it-trattament ta' entitajiet tar-Renju Unit fil-proċess tal-offerti ta' programmi tal-UE. Din il-kwistjoni hija ta' importanza kritika u qed ikollha konsegwenzi negattivi bla bżonn fuq il-programmazzjoni għall-iżvilupp ippjanata u li għaddejja. L-azzjonijiet tal-Kummissjoni qegħdin joħolqu r-riskju li l-benefiċjarji tal-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp ma jingħatawx aċċess għall-aħjar ħila esperta disponibbli permezz ta' kompetizzjoni miftuħa u ġusta, billi tiskoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet tar-Renju Unit milli jagħmlu offerti biex jimplimentaw programmi. Aħna għandna l-obbligu li nagħtu rendikont lill-Parlament tar-Renju Unit li l-Assistenza għall-Iżvilupp Barrani tar-Renju Unit qed tintefaġ b'mod effettiv u li ttiprovdi valur tajjeb skont in-nefqa, u dan japplika għas-sħab li jwasslu l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tar-Renju Unit. Filwaqt li nistennew l-assigurazzjonijiet mitluba mill-Kummissjoni, il-gvern tar-Renju Unit iħoss li ma jistax jivvota favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Kontribuzzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp: it-tielet pagament għall-2018.